# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 5**

**Rikors numru: 104/2016/1 JZM**

**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin)**

**v.**

**Aldo Pistella**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2017 li sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-akkużat Aldo Pistella għal smigħ xieraq protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-"Konvenzjoni Ewropea") f'każ li l-istqarrija

minnu magħmula lill-pulizija eżekuttiva tintuża bħala prova fil-kawża pendenti kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti istruttorja fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) *v.* Aldo Pistella.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: wara li ġie arrestat in konnessjoni ma' reati li għandhom x'jaqsmu mad-droga, l-akkużat Aldo Pistella għamel stqarrija lill-pulizija eżekuttiva fis-17 ta' Ottubru 2014. Qabel l-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija eżekuttiva, l-akkużat Pistella ngħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Madankollu, waqt l-istess interrogazzjoni l-akkużat Pistella ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta mal-konsulent legali tiegħu u dan lanqas ma kien preżenti waqt l-interrogazzjoni.

3. Fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) *v.* Aldo Pistella l-akkużat Pistella b'rikors tas-16 ta' Settembru 2016 għalhekk talab lill-qorti sabiex:

> "... tirreferi din il-vertenza kostituzzjonali lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik l-onorabbli qorti taqta' u tiddeċiedi jekk bil-fatt li l-esponenti ma kienx assistit waqt it-teħid tal-istqarrija tiegħu mill-pulizija, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, kif ukoll li huwa lanqas kellu d-dritt li jitlob li jkun assistit minn konsulent legali matul it-teħid tal-istqarrija tiegħu, tali nuqqasijiet jiksrux id-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jew le."

4. L-Avukat Ġenerali oppona għat-talba għax deherlu li kienet waħda frivola u vessatorja.

5. Wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, billi dehrilha li t-talba għal riferenza kostituzzjonali ma kinitx waħda frivola jew vessatorja, laqgħet it-talba għal riferenza kostituzzjonali u rreferiet il-każ lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha sabiex tkun tista' tagħti l-ġudizzju tagħha.

6. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ressqu dawn is-sottomissjonijiet:

> "(I)Illi din ir-referenza intalbet a bażi ta' talba mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja senjatament dwar jekk fiċ-ċirkostanzi odjerni "bil-fatt li l-esponenti (ir-rikorrent odjern) ma kienx assistit waqt it-teħid tal-istqarrija tiegħu mill-pulizija ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, kif ukoll li huwa lanqas kellu d-dritt li jitlob li jkun assistit minn konsulent legali matul it-teħid tal-istqarrija tiegħu, tali nuqqasijiet jiksrux id-drittijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jew le";
>
> "(II)… fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjoni tar-rikorrent bħala infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:
>
> "(i)illi fl-ewwel lok, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jwassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif donnu qed jippretendi r-rikorrent. L-esponenti jirribattu li kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-imsemmi dritt irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku kif qed jipprova jagħmel ir-rikorrent odjern;
>
> "(ii)illi effettivament fil-każ odjern jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi odjerni r-rikorrent ingħata d-drittijiet tiegħu inkluż id-dritt għall-parir legali

fejn fil-fatt tkellem ma' Dottoressa Sarah Sultana qabel ma irrilaxxa volontarjament l-istqarrija fis-17 t'Ottubru 2014. Fil-fatt, ir-rikorrent ingħata t-twissija skont il-liġi, senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontrih u għalhekk ir-rikorrent irrilaxxa l-istess stqarrija liberalment u anke iffirma li l-kontenut tagħha kien korrett; apparti l-fatt li fil-każ odjern jirriżultaw provi oħra li jikkoroboraw il-verżjoni li ta r-rikorrent fl-istess stqarrija;

"(iii)illi wieħed mill-prinċipji li *ormai* ġie stabbilit fil-każijiet kostituzzjonali, kif bażati anke fuq l-insenjament tal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom Salduz *v.* Turkey, m'hemmx prinċipju universali li n-nuqqas ta' presenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni awtomatikament iġġib magħha leżjoni tad-drittijiet tal-akkużat rikorrent kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

"(iv)illi l-esponent jirribatti li l-lanjanza tar-rikorrent hija ukoll insostenibbli, *stante* li l-ebda persuna li rrilaxxat stqarrija fil-perijodu relevanti ma kellha dan id-dritt fil-perijodu relattiv u għalhekk anke f'dan ir-rigward ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

… … …

"(vi)illi għaldaqstant fil-każ odjern huwa fl-umli sottomissjoni tal-esponenti manifest li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif allegat u għalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-onorabbli qorti jogħġobha tirrispondi għar-referenza kostituzzjonali fis-sens li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jiksrux id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

"… tiddikjara illi l-fatt li l-akkużat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta' għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija lill-pulizija esekuttiva fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija, ikun jikkostitwixxi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tiegħu fil-każ illi l-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija esekuttiva tkun prova fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) *v.* Aldo Pistella pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

"Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex

tkompli bis-smigħ tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondon) *v.* Aldo Pistella.

"Tordna li l-ispejjeż ta' dan il-proċediment jitħallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat Ġenerali."

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

"Il-qorti sejra tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza dwar nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju ta' qabel ir-rilaxx ta' stqarrija, peress li l-materja hija simili ħafna għall-kwistjoni li għandha quddiemha llum billi din tirrigwarda nuqqas ta' assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija mill-uffiċjali tal-pulizija.

"Il-qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Frar 2017 fil-kawża fl-ismijiet Dominic Camilleri *v.* Avukat Ġenerali.

"Hemm saret rassenja ta' ġurisprudenza relatata mal-kwistjoni dwar jekk stqarrija meħuda mingħajr ma jkun ingħata dritt ta' assistenza ta' konsulent legali qabel ma tkun rilaxxjata l-istqarrija tammontax għal leżjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq. Fiha kienu riportati numru ta' sentenzi ... ... ...

"Hemm kien imfisser illi l-art. 6 tal-Konvenzjoni jirrikjedi illi jkun hemm dritt għall-assistenza ta' avukat bħala parti integrali mill-jedd għal smigħ xieraq. Fil-fatt ir-restrizzjonijiet li hemm fid-disposizzjoni huma l-eċċezzjoni mhux ir-regola.

"Hemm kien addottat il-prinċipju senjalat fil-każ quddiem l-*ECtHR* ta' Borg *v.* Malta fejn ingħad kjarament illi jkun hemm leżjoni tal-art. 6 meta stqarrija ssir mingħajr assistenza legali, salv għal każi eċċezzjonali.

"Hemm ma tressqux provi li juru li kien hemm xi raġunijiet impellenti sabiex id-dritt ikun ristrett.

"Għalhekk kien hemm leżjoni tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni.

"Fis-sentenza li tat fil-kawża Il-Pulizija *v.* Joseph Camilleri fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) daħlet fil-fond tal-kwistjoni tal-legalità ta' l-istqarrijiet.

"Il-Qorti mxiet fuq id-deċiżjoni tal-*ECtHR* fil-każ ta' Mario Borg *v.* Malta tat-12 ta' Jannar 2016.

… … …

"Din is-sentenza kienet iċċitata favorevolment mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju 2016 fil-kawża fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes *v.* Avukat Ġenerali *et* u minn Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) oħra tas-6 ta' Ottubru

2016 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) *v.* Jason Cortis.

… … …

"Pronunzjament ieħor kien dak tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Frar 2017 fil-każ Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) *v.* Clayton Azzopardi … … …

"Il-Qorti Kostituzzjonali spjegat li f'dan l-istadju tal-proċeduri pendenti:

> "...għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn kompromettenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.
>
> "Il-qorti għalhekk sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni iżda jkun hemm tali ksur jekk isir użu mill-istess stqarrija fil-proċeduri kriminali kontra l-appellant Clayton Azzopardi."

… … …

"Riferibbilment għall-każ in eżami, jirriżulta illi Aldo Pistella ngħata dritt li jkellem lill-avukat ta' għażla tiegħu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur konċernet ikkonferma li hekk kien il-każ, kemm meta xehed fil-kors ta' dan il-proċediment, kif ukoll meta xehed fil-kawża kriminali. In partikolari fis-seduta tal-kawża kriminali tal-20 ta' Ottubru 2014 stqarr illi :-

> "Minn hemmhekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tiegħu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem mal-avukat tiegħu Dr Sarah Sultana personalment; kien tkellem l-għada filgħodu fejn kienet ġiet tkellmu ġewwa l-kwartieri tal-pulizija. Wara li ħa l-parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet miegħu ..." (ara *foll.* 19 u 20 tal-proċess kriminali).

"Mill-istqarrija rriżulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija mogħtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tiegħu qabel ma rrilaxxja l-istqarrija. Insibu *a fol*. 29 :

> "M: Fhimtha t-twissija li għadni kif tajtek?
>
> "T: Iva.

> "M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tiegħek Dr. Sara Sultana u ġejt mogħti dokument bid-drittijiet kollha tiegħek bil-lingwa taljana?
>
> "T: Iva."

"Madanakollu rriżulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta' għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija. Ġara hekk għaliex fiż-żmien meta Pistella kien qed jiġi investigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jiġi investigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-teħid tal-istqarrija.

"Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-każ ta' persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun ġiet arrestata u interrogata jikkostitwixxix ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

"Il-qorti ħadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta' avukat iżda dak l-avukat ma kienx preżenti waqt l-interrogatorju.

"Irriżulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proċeduri kriminali illi, waqt li kien qed jagħti l-istqarrija, Pistella kkopera iżda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx; għalhekk kien reġa' insista li jkellem lill-konsulent legali iżda din it-talba kienet miċħuda.

"L-ispettur xehed hekk *a fol.* 25 :-

> "Is-sinjur ikkopera magħna bis-sħiħ. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jgħid verament min huma involuti n-nies u mingħand min kien qed jixtri u jassistina f'dawk l-affarijiet u bejn qed jibża' minn dawn l-affarijiet. Għax f'ħin minnhom xtaq li jgħinna u f'ħin minnhom reġa' talab biex jitkellem fil-fatt mal-avukat; għidlu li ma jistax."

"Għal din il-qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal għal sitwazzjoni fejn l-użu ta' l-istqarrija meħuda mingħajr l-assistenza legali tammonta għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tal-imputat skont l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

"Din il-qorti tqis li għall-każ odjern għandha tapplika l-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-*ECtHR* u tal-qrati tagħna fejn ingħad kjarament li d-dritt tal-applikant jiġi irrimedjabbilment ippreġudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.

… … …

"L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija sostnew li l-fatt li d-dritt li ngħata lil persuni li jkunu se jirrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija eżekuttiva bl-Avviż Legali 102 tal-2017 li daħal fis-seħħ fit-13 ta' April 2017 ma jfissirx li awtomatikament inkiser id-dritt

fondamentali ta' kwalunkwe persuna li tkun irrilaxxjat stqarrija qabel it-13 ta' April 2017.

"Fil-fehma ta' din il-qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terġa' tkellem lill-avukat u tali talba ġiet miċħuda, iwassal għal sitwazzjoni fejn id-dritt ta' dik il-persuna, fil-każ tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippreġudikat *stante* illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.

"Issa rriżulta wkoll illi l-kawża kriminali għadha pendenti.

"Għalkemm il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali eventwalment tagħti deċiżjoni fil-mertu wara li jkun ingħalaq il-ġbir tal-provi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, m'għandux ikun illi l-kawża kriminali titkompla bl-istqarrija ta' Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun tagħmel prova ladarba rriżulta li waqt it-teħid tal-istqarrija ma kienx preżenti l-avukat ta' Aldo Pistella.

"*Del resto* l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-każ tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija tal-akkużat iżda fuq provi oħra wkoll.

"Għalkemm jibqa' l-prinċipju li proċediment ġudizzjarju għandu jitqies fit-totalità tiegħu sabiex jiġi determinat kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, tibqa' l-konsiderazzjoni li m'għandu jsir ebda użu mill-istqarrija ta' Aldo Pistella fil-proċess kriminali sabiex meta jintemm il-proċess kriminali, ma jkunx mittiefes b'irregolaritajiet."

9. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Lulju 2017 li għaliħ l-akkużat Aldo Pistella wieġeb fid-9 ta' April 2018.

10. Fl-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jgħidu hekk:

"... il-fatti tal-każ kif svolġew u kif jirriżultaw mill-atti proċesswali, kollha jimilitaw lejn il-fatt li għalkemm l-appellat ma kellux assistenza legali fil-mument li rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni huwa xorta kellu d-dritt (li minnu pprevalixxa ruhu) illi jikkonsulta avukat minnufih qabel ma jibda' l-interrogatorju u għalhekk il-fatt illi ma kellux avukat miegħu waqt l-interrogatorju bl-ebda mod ma ppreġudika d-difiża tiegħu u dan wisq inqas sal-grad li jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq. Illi l-

lanjanza tal-appellanti hi fis-sens li l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li, "Fil-fehma ta' din il-qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terġa' tkellem lill-avukat u tali talba ġiet miċħuda, iwassal għal sitwazzjoni fejn id-dritt ta' dik il-persuna, fil-każ tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippreġudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu". Illi bid-dovut rispett, tali konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ, ma ssegwix. Dan peress illi rriżulta b'mod konkret, kif ukoll xehed l-Ispettur Prosekutur Malcolm Bondin stess, li l-akkużat Aldo Pistella waqt l-interrogatorju staqsa sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu unikament meta ġie bejn ħalltejn għandux jikxef id-dettalji dwar terzi li kienu involuti u li fi kwalunkwe każ, huwa fl-aħħar mill-aħħar għażel li ma jagħtix informazzjoni dwarhom. Anke illum illi hemm id-dritt għall-parteċipazzjoni tal-avukat difensur waqt l-interrogatorju, huwa inawdit illi l-preżenza tal-avukat tintuża biex dan jissuġġerixxi risposti. Infatti, il-liġi stess fiha numru ta' prekawzjonijiet biex dan ma jiġrix. Għalhekk, fl-umli fehma tal-appellanti d-deċiżjoni appellata mhix ġustifikata u dan ukoll għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għas-suespost:

"(i)Illi l-lanjanza tal-esponenti appellanti hi fis-sens li jirriżulta ċar mill-atti tal-proċeduri kriminali li l-akkużat Pistella utilizza d-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni u għalhekk mhux il-każ li b'xi mod ġie vjolat id-dritt ta' smigħ xieraq tiegħu qabel u / jew waqt li għażel li rrilaxxa b'mod volontarju l-istqarrija in kwistjoni. Illi jsegwi li wara li ġie arrestat u l-ispettur investigatur infurmah bir-raġunijiet tal-arrest tiegħu, l-akkużat kellu l-fakultà li jinforma ruħu dwar id-drittijiet tiegħu u l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi kemm fattwali kif ukoll legali li kien jinsab fihom; inkluż il-posizzjoni tiegħu fl-eventwalità li jagħżel li jeserċita d-dritt tiegħu għas-silenzju jew alternativament jekk jagħżel li jirrilaxxa stqarrija volontarja lill-pulizija. *Inoltre*, l-akkużat kellu d-dritt li jitlob għall-assistenza medika jekk kien qed jallega li kien qed jieħu xi droga, mistoqsija li ssir lil kwalunkwe persuna meta tiddaħħal fil-*lock up* tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, liema lanjanza tqajjmet biss fl-istadju tal-proċeduri kriminali u li hi *del resto* spekulattiva għall-aħħar *stante* li, mir-risposti koerenti li ta l-akkużat Pistella u mill-komportament tiegħu waqt li rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni, għandu jirriżulta ċar li l-akkużat kien perfettament luċidu u ma kien bl-ebda mod fi stat ta' vulnerabbilità. *Inoltre*, jirriżulta li fil-mument li rrilaxxa l-istqarrija l-akkużat kien strah u kiel;

"(ii)Illi l-appellanti jissottomettu li l-fatti ta' dan il-każ ma jippreżentaw l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li l-piena abbinata ma' sejba ta' ħtija tal-akkużi li ttieħdu fil-

konfront tiegħu relatati mal-pussess u mat-traffikar ta' droga huma ċari fid-dritt penali u ma jħallu lok għal ebda inċertezza, liema konsiderazzjonijiet penali l-appellat Pistella kellu kull fakultà li jikkonsulta dwarhom mal-avukat tiegħu Dottoressa Sarah Sultana qabel ma rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni. Illi ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ċertament ma jirrappreżentawx xi bdil fil-liġi sostantiva b'effett retroattiv għad-detriment tal-akkużat u għalhekk l-akkużi li nġabu fil-konfront tiegħu kienu jissodisfaw kemm ir-rekwiżiti ta' *'accessible'* kif ukoll ta' *'foreseeable'* u għalhekk isegwi li ma kien hemm l-ebda posizzjoni legali li l-avukat ta' fiduċja tal-akkużat ma setgħetx tinformah bihom, sabiex l-istess akkużat ikun f'posizzjoni li jagħmel deċiżjoni informata dwar jeserċitax id-dritt għas-silenzju jew jirrilaxxax l-istqarrija lill-ispettur investigatur;

"(iii)Illi l-appellanti jissottomettu li l-fatt li tali dritt ingħata lil persuni li jkunu se jirrilaxxaw stqarrija lill-pulizija esekuttiva permezz tal-Avviż Legali 1029 tas-sena 2017 li daħal fis-seħħ fit-13 t'April 2017 ma jfissirx li awtomatikament inkiser id-dritt fundamentali ta' kwalunkwe persuna li rrilaxxat stqarrija qabel l-imsemmija data, inkluż f'dak il-perijodu fejn għad li ma kienx hemm id-dritt li l-avukat ikun preżenti waqt l-interrogatorju kien hemm id-dritt illi wieħed jikkonsulta avukat minnufih qabel ma jibda l-interrogatorju. Illi kif jirriżulta b'mod ċar mill-imsemmi Avviż Legali, fost affarijiet oħra, "qabel il-bidu tal-interrogazzjoni l-persuna suspettata jew il-persuna akkużata għandha jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat ma' avukat", ħaġa li fiċ-ċirkostanzi odjerni anke l-akkużat Pistella effettivament kellu dritt li jagħmel (u kif fil-fatt għamel). Illi effettivament, il-lanjanza tal-appellanti hi fis-sens li l-għan tal-intervista huwa li jistabilixxi l-verità rigward ġiex imwettaq jew le reat kriminali u, kif jirriżulta b'mod ċar mill-imsemmi Avviż Legali, fi kwalunkwe każ, il-funzjoni tal-avukat waqt l-interrogazzjoni huwa ristrett għall-fatt li l-avukat jista' jintervjeni biss f'ċirkostanzi ta' xi irregolarità dwar l-interrogazzjoni; liema irregolarità dwar l-interrogazzjoni ma nġabet l-ebda prova dwarha u wisq inqas ma' ġiet allegata mill-akkużat Pistella fil-proċeduri kriminali. Għalhekk fil-każ odjern, l-introduzzjoni tal-Avviż Legali 102 tas-sena 2017, fl-umli fehma tal-appellanti, ma kienx se ibiddel il-posizzjoni tad-difiża, *stante* li l-istqarrija in kwistjoni ġiet rilaxxata b'mod volontarju mill-akkużat Pistella wara li eżerċita d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu dwar l-implikazzjonijiet fattwali u legali taċ-ċirkostanzi li kien ġie arrestat dwarhom;

"(iv)Illi mill-provi prodotti in atti, senjatament mix-xiehda tal-Ispettur Malcolm Bondin fis-seduta tas-16 ta' Frar 2017, jirriżulta li meta rrilaxxa l-istqarrija l-akkużat ingħata t-twissija skont il-liġi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien se jgħid seta' jinġieb bi prova. Dan apparti l-fatt li jirriżulta wkoll li l-istess Spettur kompla jixhed li l-akkużat kien koerenti fir-risposti li beda jagħti u, fejn deherlu, ma

rrispondiex għad-domandi li kienu qed isirulu waqt l-interrogazzjoni, senjatament dwar mingħand minn kien jixtri d-droga. Inoltre, l-istess spettur kompla jixhed li l-verżjoni ta' fatti li ta meta rrilaxxa l-istqarrija kienet korraborata mill-provi l-oħra li ressqet il-prosekuzzjoni fl-istadju tal-provi opportun. Għalhekk, huwa ċar li l-istess stqarrija bl-ebda mod ma tista' tkun leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat Pistella *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li saret b'mod liberu u volontarju;

"(v)Illi l-appellanti jissottomettu ukoll li fiċ-ċirkostanzi odjerni hemm ukoll provi oħrajn li jikkorroboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u l-ħtija tas-suspettat u l-verżjoni ta' fatti li ta l-akkużat fl-istqarrija li għażel li jattakka f'dan l-istadju, liema provi xehdu partikolarment dwarhom is-segwenti xhieda:

"(a)l-Ispettur Malcolm Bondin waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2017 u l-provi dokumentarji fil-proċess kriminali li saret referenza għalihom mill-esponenti permezz tan-nota li ġiet intavolata in ottemperenza mal-verbal ta' din l-onorabbli qorti tat-12 ta' Jannar 2017; senjatament ix-xhieda tal-istess Spettur Malcolm Bondin, PS 1174 Adrian Sciberras, PS 365, WPS 237 Antonella Vella, PC 213 Nicolai Borg, li senjatament xehdu dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tal-akkużat Pistella wara li nqabad *in flagrante* bid-droga fil-pussess tiegħu u kien sejjer ibigħa lil terzi, u wara s-sejba ta' ammont sostanzjali ta' droga u ammonti ta' flus kontanti li nstabu fir-residenza tiegħu, liema provi lkoll jimilitaw lejn il-fatt li l-akkużat kien qed jittraffika d-droga u li d-droga ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

"(b)ix-xiehda ta' Alex Casha rappreżentant ta' *Globe Ground*, u ta' Ronald Cilia rappreżentant ta' *Fexserv Financial Services*; ta' Jonathan Tabone, rappreżentant ta' *Virtù Ferries;* ta' David Borg, rappreżentant tal-*Air Malta*, li xehdu dwar il-vjaġġi tal-akkużat Pistella, liema provi jimiltaw lejn il-fatt li għalkemm l-akkużat Pistella kien disokkupat, kien qed jiffinanzja l-għejxien tiegħu minn xi attività illeċita;

"(ċ)ix-xiehda tal-Ispiżjar Godwin Sammut li kkonferma li s-sustanzi kienu effettivament drogi illeċiti;

"(d)ix-xiehda ta' Joseph Saliba rappreżentant tal-*Employment Training Corporation* li bix-xiehda tiegħu ikkonferma li l-akkużat kien ilu bla xogħol għal perijodu konsiderevoli;

"(e)ix-xiehda ta' Martha Scerri li kienet il-proprjetarja tal-fond fejn kien jirrisjedi l-akkużat Pistella li xehdet dwar kemm kien iħallas kera lilha kull xahar l-istess akkużat Pistella:

"liema evidenza kollha tikkorabora l-verżjoni ta' fatti li l-akkużat għażel li jirrilaxxa b'mod liberu u volontarju waqt l-istqarrija tiegħu fis-17 t'Ottubru 2014. Għalhekk, mill-provi li ressqu l-prosekuzzjoni għandu jirriżulta ċar li l-istqarrija tal-akkużat ingħatat b'mod liberu u volontarju wara li kkonsulta mal-avukat

ta' fiduċja Dottoressa Sarah Sultana u li l-fatt li l-avukat difensur ma kinitx preżenti għall-interrogatorju ma ġab ebda sitwazzjoni li ppreġudikat lill-akkużat b'mod li jimporta ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

"(vi)Illi l-appellanti jirrilevaw li l-qrati nostrani kellhom l-opportunità li jeżaminaw kwistjonijiet tal-allegata leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fl-istadju preċedenti għar-rilaxx tal-istqarrija. Illi l-esponenti jissottometti li bid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera fejn, a kuntrarju tal-każ odjern, f'dawk iċ-ċirkostanzi s-suspettat u / jew l-akkużat ma kienx għad għandu l-fakultà li jikkonsulta ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, ġew deċiżi l-linji gwidi fuq il-kwistjoni u *cioè* li l-istqarrija m'għandhiex tiġi sfilzata *a priori* mill-proċess għax b'hekk ikun qed jiġi usurpat id-dritt ta' konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiġġudika dwar il-fatti tal-każ. *Inoltre*, fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Paul Abdilla *et* (ref. 288/99*)* deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru 2000 (VDG), f'ċirkostanzi fejn ir-rikorrenti kienu qed jallegaw fost affarijiet oħra li l-istqarrijiet li kienu għamlu ma kinux magħmula volontarjament, il-qorti ipprovdiet li:

> "Fi kwalunkwe każ, dana l-aggravju jirrażenta l-fieragħ. Il-prosekuzzjoni għamlet il-prova *prima facie* tal-volontarjetà tal-istqarrijiet billi saret prova li kienet ingħatat it-twissija qabel kull waħda minnhom. Kien għalhekk jispetta lill-appellant li jipprova, imqar fuq bażi ta' probabbilità, li l-istqarrija tiegħu ma saritx volontarjament."

"(vii)Illi l-appellanti jissottomettu wkoll li l-allegazzjoni tal-akkużat ma tistax tittieħed waħedha u barra mill-kuntest tal-proċeduri kollha fit-totalità tagħhom u, sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq f'dan il-każ partikolari, hu meħtieġ li jsir apprezzament tal-proċess kriminali tal-akkużat fl-interezza tiegħu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proċeduri li jiffoka fuq l-istadju ta' waqt l-interrogazzjoni. Apparti minn hekk, wieħed irid iqis ukoll iċ-ċirkostanzi tat-teħid tal-istqarrija fosthom li l-akkużat kien diġà pprevalixxa ruħu mid-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu fil-privat dwar id-drittijiet tiegħu, sabiex jiġi analizzat kemm il-mankanza ta' avukat waqt l-istqarrija tar-rikorrent, li *del resto* kienet proċedura regolari fiż-żmien meta ttieħdet l-istqarrija in kwistjoni, setgħet twassal għal-leżjoni tad-drittijiet tiegħu. *Inoltre*, jirriżulta wkoll li fil-proċeduri kriminali l-akkużat hu debitament assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu;

"(viii)Illi għalhekk l-appellanti jirribattu li miċ-ċirkostanzi odjerni jirriżulta b'mod ċar li l-akkużat ingħata d-debita twissija skont il-liġi u li fehemha tajjeb. Fil-fatt, jirriżulta ċar li l-appellant kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom u volontarjament u liberament għażel li jagħti l-verżjoni tal-fatti kif svolġew, liema verżjoni *del resto* kienet realistika u verosimili. Illi minn tali komportament ċertament ma jistax jingħad li d-drittijiet

fundamentali tal-akkużat Pistella b'xi mod ġew leżi waqt li rrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni, liema verżjoni ta' fatti *del resto* hi korraborata mill-provi l-oħra li ressqu l-prosekuzzjoni fl-imsemmija proċeduri kriminali;

"(ix)Illi fattur divers mill-każijiet ċitati mill-ewwel onorabbli qorti fid-deċiżjoni appellata hu li ċ-ċirkostanzi tal-applikanti f'dawk il-każijiet kienu ferm differenti miċ-ċirkostanzi tar-rikorrent odjern stante li kienu jittrattaw każijiet fejn l-akkużati kienu rrilaxxaw stqarrijiet inkriminanti meta ma kinux ingħataw id-dritt sabiex jikkonsultaw ma' avukat ta' fiduċja tagħhom jew addirittura f'ċirkostanzi fejn kienu mhedda u / jew imġiegħla sabiex jammettu għall-akkużi u / jew kienu żvijati jew imċaħħdin mid-drittijiet tagħhom meta rrilaxxaw stqarrija bħala xhud okkulari u sussegwentement ġew akkużati bl-istess reat. A kuntrarju fil-każ odjern, li huwa ferm evidenti mid-domandi u r-risposti relattivi fl-istess stqarrija hu li, meta ġie mitkellem mill-ispettur investigatur, l-akkużat ma kienx intimidat u kien koerenti fir-risposti li ta, u għażel liberalment li jagħti l-verżjoni tal-fatti minn jeddu wara li l-ispettur investigattiv spjegalu r-raġuni għalfejn kien ġie arrestat. Dan kien ċertament b'kuntrast ma' dak li ġara, bħal per eżempju, fil-każ ta' Salduz fejn l-akkużat f'dak il-każ beda jiċħad il-kontenut tal-istqarrijiet tal-pulizija sa mill-ewwel dehra tiegħu quddiem il-qorti *stante* allegazzjoni ta' teħid ta' stqarrija *under duress.* Għalhekk, l-appellanti jirribattu li l-prinċipji stabbiliti f'Salduz *v.* Turkey ċertament ma japplikawx għall-każ in eżami peress li, fl-ewwel lok, iċ-ċirkostanzi (kemm fattwali kif ukoll legali) huma kompletament diversi *stante* li apparti l-fatt li Salduz ma kellu l-ebda konsultazzjoni ma' avukat ta' fiduċja tiegħu qabel l-interrogatorju, il-fatti f'Salduz ittrattaw każ ta' minorenni li allegatament kien ġie imġiegħel jammetti għall-akkuża ta' reat kontra l-istat, liema tipi ta' reati ma kinux jammettu assistenza legali fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-pulizija u għalhekk kienu diskriminatorji a differenza ta' reati oħra li kienu jammettu assistenza legali f'dan l-istadju.«

11. Għandu jingħad qabel xejn illi l-ewwel qorti ma qalitx li kien hemm ksur tal-jedd ta' Pistella għal smigħ xieraq, iżda biss illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija. Li ma kienx hemm ksur huwa konsegwenza tal-fatt illi l-proċeduri kontrieh għadhom mexjin u, sakemm ma jintweriex li saret irregolarità hekk drastika li f'kull każ u inevitabilment ixxellef il-jedd għal smigħ xieraq, sejbien ta' ksur f'dan l-istadju kien ikun prematur. Dan il-prinċipju

ġie approvat f'diversi sentenzi mogħtija kemm mill-Qorti Ewropea u kemm mill-qrati Maltin, fosthom fil-każ ta' Tyrone Fenech *et v.* Malta[1] fejn il-qorti osservat illi:

> "In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.
>
> "The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik *v.* Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons *v.* Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).
>
> "The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.
>
> "Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies."

12. L-appellanti għalhekk għandhom raġun jgħidu illi:

> "... l-allegazzjoni tal-akkużat ma tistax tittieħed waħdeha u barra mill-kuntest tal-proċeduri kollha fit-totalità tagħhom u, sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq f'dan il-każ partikolari, hu meħtieġ li jsir apprezzament tal-proċess kriminali tal-akkużat fl-interezza tiegħu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proċeduri li jiffoka fuq l-istadju ta' waqt l-interrogazzjoni."

[1] 5 ta' Jannar 2016. Ara wkoll *e.g.* Martin Dimech *v.* Malta, Q.E.D.B. 2 ta' April 2015.

13. Fil-fatt qablet magħhom ukoll l-ewwel qorti meta ma sabitx ksur f'dan l-istadju tal-proċeduri.

14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[2], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.

15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

---

[2] 24 ta' Ġunju 2016.

16. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

17. It-tieni u l-aħħar aggravju tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija jolqot l-ispejjeż tal-kawża u ġie mfisser hekk:

> "(II) Illi t-tieni aggravju tal-appellanti jikkonsisti mill-fatt li, bid-dovut rispett, għar-raġunijiet indikati fl-ewwel aggravju, fid-dawl taċ-ċirkostani partikolari tal-każ odjern, fl-umli fehma tal-appellanti l-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-akkużat Pistella *stante* li kif ġie spjegat aktar 'il fuq f'dan ir-rikors ta' appell, għandu jirriżulta lil din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali li peress li l-appellat irrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni wara li kkonsulta mal-avukat ta' fiduċja tiegħu, id-difiża tiegħu ma ġietx ippreġudikata sal-grad li hemm xi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 6(1) flimkien mal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif diġà ġie spjegat f'dan ir-rikors ta' appell."

18. Ladarba l-ewwel aggravju ġie miċħud, it-tieni aggravju, li jiddependi minnu, ukoll ma jistax jintlaqa'.

19. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-spejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr